MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2009

Numru 1171/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**
**Vs**

**JOSEPH CHETCUTI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Joseph Chetcuti ta' 48 sena mwieled Qormi nhar l-15 ta' Settembru 1961 iben il-mejtin Gerard u Carmen nee' Vella residenti 16, Triq l-Imsagar, Attard. Karta ta' L-identita Nru 665061(M).

Billi gie akkuzat talli nhar id-09 ta' Lulju 2009 ghall-habta ta' l-ghaxra ta' filghaxija (22.00Hrs) gewwa ir-residenza matrimonali tieghu 16, Triq l-Imsagar, Attard volontarjament hassar, ghamel hsara fil-apparat

elettroniku (kompjuter) ghad-detriment ta' martu Diane Chetcuti, liema hsara tammonta ghal-valur li ma jiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin euro u dishga u sittin centezmu (1,164.69), imam jkun izjed minn mija u sittax –il euro u erbghin centezmu (116.47).

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tapplika l-artikolu 383 tal-Kap. 9.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok TE3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-asmmissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Joseph Chetcuti, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali tal-imputat u l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza tillibera lill-istess imputat Joseph Chetcuti taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Inoltre, il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat Joseph Chetcuti b’obbligazzjoni personali ta’ tmien mitt Euro (Euro 800) li jzomm il-kwiet ma’ Diane Chetcuti ghal zmien sena mil-lum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Joseph Chetcuti l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------